MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1670/1994/1

**Francis Ciantar f' ismu proprju u Simon Ciantar u Ivy Mifsud bhala diretturi tas-socjeta` Harold St. John Ltd. u ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta`, u b' digriet tal-11 ta' Frar 2000, il-gudizzju gie trasfuz f' isem Ivy Mifsud u Simon Ciantar minflok l-imsemmi Francis Ciantar**

**Vs**

**Norman u Josephine konjugi Clews**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-5 ta' Novembru 1994 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi permezz ta' zewg skritturi privati datati 8 ta' Ottubru 1993 u 15 ta' Ottubru 1993 (Dok. A u B rispettivament) l-attur Francis Ciantar u l-konvenut

Norman Clews illikwidaw il-pendenzi bejniethom naxxenti minn negozju gestit mis-socjeta` Harold St. John Ltd. u l-istess konvenut ittrasferixxa lill-istess attur l-azzjonijiet kollha tieghu fl-imsemmija socjeta`;

Premess illi pero` sal-lum mill-pagamenti reciproci previsti fil-klawsola (1) ta' l-iskrittura tat-8 ta' Ottubru 1993 u l-klawsoli (1) u (2) ta' l-iskrittura datata 15 ta' Ottubru 1993, il-konvenuti ghadhom debituri ta' l-atturi kollha fis-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin lira u erbgha u sittin centezmu (Lm677.64c) li skond il-klawsola tlieta (3) tat-tieni skrittura suppost thallset sad-19 ta' Ottubru 1993;

Premess illi inoltre l-konvenuti ghadhom ma kkonsenjawx lill-atturi parti mill-i*stock* li kien hemm fil-hanut gestit mis-socjeta` attrici f' Bormla liema *stock* kellu jigi trasferit sa l-14 ta' Ottubru 1993 skond il-klawsola (1) (b) ta' l-iskrittura tat-8 ta' Ottubru 1993 (Dok A);

Premess illi inoltre il-konvenuti sallum irrifjutaw ingustament li jersqu bonarjament ghall-i*stocktaking* u spartizzjoni ugwali bejn il-konvenuti minn naha wahda u l-atturi minn naha l-ohra, tat-*toys* fil-pussess ta' l-istess konvenuti kif previst fil-klawsola tnejn (2) ta' l-iskrittura tat-8 ta' Ottubru 1993 (Dok A);

Premess illi inoltre, ghalkemm interpellati, il-konvenuti sal-lum irrifjutaw li jikkonsenjaw lill-atturi t-*television* 21" Europhone bi tpartit mat-television 14" Europhone kif stipulat fil-klawsola erbgha (4) ta' l-iskrittura tal-15 ta' Ottubru 1993 (Dok B);

Premess illi inoltre, ghalkemm il-konvenuti ma fadlilhom ebda sehem u/jew interess fis-socjeta` attrici, sal-lum huma abusivament baqghu jzommu l-logo tas-socjeta` attrici fil-hanut f' Bormla;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti, biex occorrendo bl-opera ta' periti nominandi:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin lira u erbgha u sittin centezmu (Lm677.64c) flimkien ma' l-imghax kummercjali li ddekorra mill-20 ta' Ottubru 1993 dovuti minnhom lill-atturi u rapprezentanti l-bilanc li ghadu dovut minnhom mis-somom pagabbli skond il-klawsola (1) (j) ta' l-iskrittura tat-8 ta' Ottubru 1993 u l-klasoli (1) u (2) ta' l-iskrittura tal-15 ta' Ottubru 1993;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jikkonsenjaw lill-atturi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss dik il-parti ta' l-i*stock* li skond il-klawsola (1) (b) ta' l-iskrittura tat-8 ta' Ottubru 1993 kellu jigi konsenjat lill-atturi sa l-14 ta' Ottubru 1993 u li pero` baqa ma giex hekk konsenjat;

3. Fin-nuqqas, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, bhala rapprezentanti l-valur ta' l-istess *stock* mhux konsenjat flimkien ma' l-imghax kummercjali li ddekorra fuq l-istess mill-15 ta' Ottubru 1993;

4. Taghmel *stocktaking* tat-*toys* imsemmija fil-klawsola tnejn (2) ta' l-iskrittura tat-8 ta' Ottubru 1993 u taqsam l-istess *stock* f' zewg porzjonijiet ugwali tenut kont tal-valur tat-*toys* '*at cost*' u tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jikkonsenjaw lill-atturi dik il-porzjon li din il-Qorti joghgobha tassenjalhom;

5. Fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma rapprezentanti l-valur tal-porzjon tat-*toys* ta' l-atturi stabbilita skond it-talba precedenti flimkien ma' l-imghax kummercjali dekors mit-8 ta' Ottubru 1993;

6. Tikkundanna l-konvenuti jikkonsenjaw lill-atturi fi zmien qasir u perentorju t-television 21" tal-marka Europhone kif stipulat fil-klawsola erbgha (4) ta' l-iskrittura tal-15 ta' Ottubru 1993 jew fin-nuqqas, ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata bhala l-valur ta' l-istess television bl-imghax kummercjali dekors mill-15 ta' Ottubru 1993;

7. Tikkundanna l-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jnehhu l-logo tas-socjeta attrici mill-hanut

taghhom f' Bormla u jiddesistu definittivament milli juzaw l-istess logo;

8. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attuiri sabiex taht sorveljanza ta' perit nominat ghal dan l-iskop, jaghmlu huma x-xoghlijiet necessarji sabiex jitnehha l-istess logo minn fuq l-imsemmi hanut.

9. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata bhala danni li huma sofrew minhabba l-inadempjenzi tal-konvenuti skond it-talbiet precedenti kompriz it-telf ta' profitti ta' l-i*stock* u merkanzija mhux konsenjata u dan minhabba l-uzu abiziv tal-logo tas-socjeta` attrici mill-konvenuti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 11 ta' Awissu 1994 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti,ipprezentata fil-21 ta' Frar 1995 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur *proprio et nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

2. Salv eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat id-digriet tat-3 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjarji John Bonnici u Dr. Marco Griscti bis-soliti fakoltajiet; kif ukoll id-digriet tat-13 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu giet nominata bhala perit

legali Dr. Irene Bonnello in sostituzzjoni ta’ Dr. Marco Griscti;

Rat ir-relazzjoni tal-periti nominati li tinsab a fol. 321 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fis-seduta tat-13 ta’ April 2005;

Semghet lill-periti gudizzjarji in eskussjoni fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2005;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Ma jistax ma jigix osservat u kummentat illi kif profetikament kien imbassar mill-Qorti, diversament presjeduta, proprju fl-ewwel udjenza tas-7 ta’ April 1995 (ara verbal a fol. 29) “din il-kawza kienet ser titwal hafna”, kif fil-fatt hekk sehh. Kien ghalhekk li l-Qorti invitat lill-kontendenti biex, bl-iskop li jigi skansat dan id-dewmien, jiffokaw fuq il-punti li dwarhom kien hemm konvergenza;

Kien biss fl-ewwel seduta peritali tat-30 ta’ Settembru 1996 illi b’ mod konkret il-kontendenti ddefinew il-punti ta’ qbil u dawk ta’ kontestazzjoni. In succint, ghal dak li jikkoncerna l-punti li baqghu in disputa, dawn qed jigu hawn ri-epilogati ghall-skop ta’ precizazzjoni u definizzjoni tal-meritu taghhom:-

(i) It-talba da parti ta’ l-atturi ghal hlas bilancjali tas-somma ta’ sitt mija sebgha u sebghin lira u erbgha u sittin centezmu (Lm677.64);

(ii) Il-pretiza mill-atturi ghall-konsenja ta’ xi *stock*, in partikolari il-camera Polaroid;

(iii) L-ghata b’ mod permanenti tal-logo tas-socjeta` Harold St. John Ltd minn fuq il-hanut ta’ Bormla gestit mill-konvenut Norman Clews;

(iv) Ir-reklam ghad-danni li l-atturi jallegaw li sofrew;

Dawn il-punti ser jigu kkonsiderati *seriatim* skond l-ordni kif hawn fuq kalendata.

<u>IT-TALBA GHALL-HLAS TAL-BILANC</u>

Jirrizulta li l-kontendenti kienu jiggestixxu negozju flimkien permezz tas-socjeta` Harold St. John Ltd. iffurmata fl-1988. Bi qbil bejniethom huma kkonkordaw il-likwidazzjoni ta’ din il-gestjoni permezz ta’ zewg skritturi privati datati 8 ta’ Ottubru 1993 u 15 ta’ Ottubru 1993. Skond dawn l-iskritturi l-konvenuti assumew l-impenn li jhallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta’ tlett elef hames mija u sebgha u tletin lira, erbgha u sittin centezmu (Lm3537.64,0). Fil-versjoni ta’ l-attur Francis Ciantar (fol. 33 *et sequitur*) dan jghid li rceva b’ delegazzjoni minghand terza persuna s-somma ta’ elf lira (Lm1000), il-hlas ta’ sitt mija wiehed u sittin lira (Lm661) direttament minghand il-konvenut Norman Clews, u mputa wkoll nofs ir-rikavat migbur minnu ghas-servizz ta’ tehid ta’ videos (Lm1199). Fuq dan il-kalkolu tieghu huwa avvanza talba ghall-hlas tas-somma bilancjali ta’ Lm677.64,0;

Kontra din il-pretensjoni l-konvenut imsemmi jikkontrapponga difiza artikolata fuq zewg binarji, u cjoe, (i) li l-hlas minnu versat ta’ Lm661 kien “*in full and final settelment*”, u (ii) li hu ghandu jircievi u mhux jaghti;

Precizati s-suddetti affermazzjonijiet tal-kontendenti, jinsab stabbilit fl-Artikolu 959 tal-Kodici Civili illi "l-obbligazzjonijet li mhumiex gejjin mis-setgha biss tal-ligi, jitnisslu minn kuntratti, kwazi-kuntratti, delitti, jew kwazi-delitti". Innegabilment, l-iskritturi surreferiti jirrientraw f' wahda minn dawn is-sorgenti. Manifestament, minnhom johrog il-vinkolu guridiku fejn il-wiehed, l-attur huwa l-kreditur tas-somom fl-istess skritturi dettaljati u l-konvenut huwa d-debitur ta' l-istess somom. In vista ta' dan ir-rapport obbligatorju l-attur ghandu dritt jesigi minghand il-konvenut, debitur tieghu, l-ezekuzzjoni u l-adempiment ta' l-obbligazzjoni li, kif saput, tista' tkun wahda '<u>di dare</u>' jew '*<u>di fare</u>*'. Dan, del resto, hu rispekkjat ukoll fid-dispost ta' l-Artikolu 1146 Kodici Civili li jipprovvdi li "hlas ifisser l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, sew jekk l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun li tinghata xi haga sew jekk ikun li tigi maghmula xi haga";

L-atturi qeghdin jghidu li l-konvenuti ma adempewx l-obbligi taghhom naxxenti mill-iskritturi ta' ftehim. Il-periti gudizzjarji nominati mill-Qorti ma accettawx il-proposizzjoni tal-konvenut, kif sostenuta mix-xhieda John Sammut (fol. 58) u Joseph Chetcuti (fol. 57), illi l-pagament ta' Lm661 kien wiehed ghas-saldu. Huma baqghu fermi fuq il-konsiderazzjoni li ghamlu fir-rigward anke taht it-tirocinju ta' l-eskussjoni;

Ri-ezaminati l-provi u ri-valutata d-divergenza tal-partijiet f' dan il-kuntest, din il-Qorti ma ssibx li l-motivazzjoni u konkluzjoni tal-periti gudizzjarji hi wahda li tiddifetta minn vizzju logiku. Fir-rigward taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Fl-ewwel lok ma jistax ikun dubitat illi, kif professat fis-sentenza riportata **Vol. XLIII P II p 624**, "il-pagament jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant";

(2) Fil-kaz in ezami, fil-verita, ma tezisti ebda disputa li l-pagament sar. Dan pero` ma jfisserx ukoll li tali hlas sar, kif kwalifikat mill-konvenut, “*in full and final settlement*”. Ma gie esebit ebda dokument jew attribwita xi dikjarazzjoni maghmula mill-attur Francis Cutajar illi dan kien sodisfatt ghal kollox bir-ricezzjoni tac-*cheque* fl-ammont ta’ Lm661;

(3) Huwa veru li *cheque*, una volta li jigi msarraf minn min jircevih, jikkostitwixxi rikonoxximent tal-pagament. Huwa wkoll veru li dan jikkostitwixxi konfessjoni da parti tal-kreditur versu d-deditur, u, allura wkoll, prova pjena tal-hlas specifiku ta’ somma determinata. Daqstant iehor huwa veru illi l-interpreti ma ghandux jeccedi l-limiti ta’ dak l-istess konfessjoni stabbilita bir-ricezzjoni u tisrif tac-*cheque*;

(4) Naturalment, il-konvenut jista’ jobbjetta illi f’ dan il-kaz ic-*cheque* ricevut u msarraf jikkostitwixxi l-bazi guridika idonea li tillegittima l-kontenzjoni tieghu illi l-hlas b’ dak ic-*cheque* kien wiehed ghas-saldu, u allura estintiv ta’ l-obbligazzjoni assunta minnu bl-iskritturi. Dan ghaliex f’ din l-obbjezzjoni tieghu huwa jippretendi li ghandu l-konfort tax-xhieda ta’ John Sammut u ta’ Joseph Chetcuti;

(5) Il-periti gudizzjarji, korrettement fil-hsieb ta’ din il-Qorti, dehrilhom li, fic-cirkustanzi tal-kaz, kien aktar espedjenti li kieku l-konvenut, ghall-konvinciment morali taghhom, offra prova aktar solida u sodisfacenti, u tal-grad tali li taghti valur lid-deposizzjonijiet tax-xhieda msemmija;

(6) In konformita` mal-pratika kummercjali diffusa jekk tabilhaqq il-konvenut kellu l-intenzjoni li l-hlas b’ dak ic-*cheque* kellu jkun wiehed fianli, huwa messu insista ghal kwittanza shiha permezz ta’ dokument jew ricevuta jew kitba xort’ ohra attestanti r-ricezzjoni tal-hlas ghas-saldu u, allura wkoll, l-estinzjoni tad-debitu. Meta dan ma ghamlux ma jistax jippretendi li l-periti gudizzjarji jew din il-Qorti jaccettaw l-argoment illi ghax ic-*cheque* hu minnu

nnifsu ricevuta dan kien jibbasta ghall-akkwist ta’ dik ic-certezza morali tal-verita` tal-pagament ghas-saldu;

(7) Sewwa ghalhekk gie konkluz mill-istess periti gudizzjarji illi l-ammont reklamat fl-ewwel talba kien ghadu hekk dovut mill-atturi.

IL-PRETIZA GHALL-KONSENJA TA’ STOCK

L-atturi jaccettaw li fil-mori tal-kawza gew konsenjati xi *toys* formanti parti mill-i*stock*. B’ danakollu huma jsostnu li din il-konsenja kienet, fil-fehma taghhom, wahda parzjali u ghalhekk ippretendew li kien hemm aktar *stock* ta’ *toys*;

Mill-provi attendibbli ma jidherx li l-atturi adegwatament sostnew din il-pretiza taghhom u l-periti gudizzjarji ghamlu sew li skartawha, ad eccezzjoni tal-camera Polaroid li l-istess partijiet, b’ ghazla taghhom, annoveraw taht l-i*stock*;

Ma jidherx, fil-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti, illi l-valur attribwit lil din il-camera mill-periti relaturi huwa wiehed irragjonevoli. Una volta ma gietx provvduta stima reali mill-partijiet kien ghal kollox konsentit lill-istess periti li japplikaw il-gudizzju *ex aequo et bono*. Dan ghaliex tali gudizzju jissopperixxi ghall-impossibilita` ta’ prova preciza tal-valur.

L-GHATA TAL-LOGO

Huwa fatt car emers mill-provi processwali (ara in partikolari r-ritratti esebiti mix-xhud Simon Ciantar, fol. 44 sa fol. 46) illi fuq il-hanut ta’ Bormla l-konvenut zamm il-logo tal-kumpanija ossija s-*sign* “Harold’s”. Jirrizulta li fil-mori tal-kawza ntlahaq qbil dwar din il-kwestjoni ghalkemm irid jinghad ukoll li l-atturi insistew li l-logo jitghatta permanentement (ara d-dikjarazzjoni taghhom a fol. 86);

Issa *ex post facto* r-relazzjoni l-konvenuti esebew ritratti biex jiddemostraw li dan il-logo tnehha kompletament;

Din il-Qorti filwaqt li lesta taccetta dan l-istat ta' fatt gdid thoss pero` li gjaladarba ma ghandhiex accertazzjoni konkreta dwar dan ghandha xorta wahda tahseb biex, a skans ta' disputi 'l quddiem, kull logo bl-isem tal-kumpanija fuq il-hanut ta' Bormla jitghatta b' mod definitiv.

<u>IR-REKLAM GHAD-DANNI</u>

Fl-Affidavit tieghu (fol. 33) l-attur Francis Cutajar jiddikjara li sofra danni minhabba l-konfuzjoni krejata f'mohh il-klijenti ghal fatt li l-logo bl-isem tal-kumpanija baqghet raffigurata fuq il-hanut ta' Bormla. Mill-kumplament fuq dan il-punt ma jirrizulta xejn aktar mill-provi, la l-ezistenza u wisq anqas il-kwantifikazzjoni taghhom;

Kif gie rimarkat f' sentenza recensjuri ta' din il-Qorti, kif presjeduta, "il-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabilita` ghad-danni ma jfisserx necessarjament li d-danni tassew jezistu. Jaggrava dejjem fuq il-kreditur ta' l-obbligazzjoni li jipprova l-ezistenza u l-entita` tad-danni li hu jallega li sofra" ("**Joe Xuereb Co. Ltd -vs- Marlene mart Francis Xuereb *et***", 30 ta' Gunju 2005);

Jitnissel minn dan illi gjaladarba tonqos il-prova tad-danni jigi fir-realta li m' hemmx danni x' jigu likwidati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod infraskritt:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba u b' hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin lira Maltija, erbgha u sittin centezmu (Lm677.64,0) rapprezentanti bilanc dovut skond l-iskritturi tat-8 ta' Ottubru 1993 u 15 ta' Ottubru 1993. Fuq din is-

somma jithallsu l-interessi kif mitlub, u cjoe, mill-20 ta' Ottubru 1993;

(2) Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet limitatament fir-rigward tal-camera Polaroid b' dan li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi, oltre l-interessi, is-somma ta' tliet mija u hamsin lira Maltija (Lm350) rapprezentanti l-valur *ex aequo et bono* ta' l-istess camera;

(3) Tichad ir-raba' u l-hames talbiet in bazi ghal konsiderazzjonijiet suesposti;

(4) Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tas-sitt talba li giet transatta fil-mori tal-gudizzju;

(5) Fir-rigward tas-seba' u t-tmien talbiet tordna ghal kull buon fini illi zmien hmistax mil-lum il-konvenuti jghattu permanentement il-logo tas-socjeta` attrici mill-hanut taghhom f' Bormla;

(6) Tichad ghal kollox id-disa' talba billi d-danni allegati ma gewx provati;

L-ispejjez gudizzjarji jitbatew mill-konvenuti, salv fil-kaz tar-raba', l-hames u d-disa' talbiet li jibqghu a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------